# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar il-Erbgha 17 ta' Ottubru 2001

Citazzjoni numru 174/99 AJM

Kawza numru

Cutalex Tourist Company Limited

Vs

Pamela Rose Wathen pro et

Il-Qorti,

Rat id-digriet taghha tal-4 ta' April 2001 meta giet milqugha l-opposizzjoni tal-konvenuti ghall-produzzjoni tax-xhud gdid Alfred Mifsud u meta fl-istess hin ordnat l-isfilz ta' dokument preparat mill-istess Alfred Mifsud u ppresentat fl-atti mis-socjeta' attrici.

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici tas-6 ta' April 2001 fejn, ghar-ragunijiet hemm moghtija, talbet li ai termini ta' l-artikolu 229 subinciz (4) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti tikkonsidera z-zewg decizjonijiet taghha moghtija fid-digriet fuq imsemmi u filwaqt li tirrevokahom 'contrario imperio' tordna l-infilzar mill-gdid tad-dokument sfilzat b'dak

id-digriet u tilqa' t-talba taghha biex jittella Alfred Mifsud bhala xhud gdid.

Rat ukoll ir-rikors tas-socjeta' attrici presentat fl-10 ta' April 2001 meta, bla pregudizzju ghar-rikors minnha presentat fis-6 ta' April 2001, kif fuq riportat, talbet li ai termini tas-subinciz (3) ta' l-Artikolu 229 tal-Kap 12 tigi awtroizzata tappella mill-imsemmi digriet. Dan ir-rikors ma giex dekretat in vista tar-rikors ghar-revoka 'contrario imperio' presentat precedentement u ghalhekk qed jigi kunsidrat ukoll f'dan il-provediment.

Rat ir-risposta tal-konvenuti tal-konvenuti Wathen ghar-rikors tas-socjeta' attrici ghar-revoka 'contrario imperio' tad-digriet taghha tal-4 ta' April 2001. Kif ukoll ir-risposta tal-konvenuti Buhagiar ghall-istess talba.

Ittrattat ir-rikors.

Ikkunsidrat:-

Illi qabel xejn jkun opportun li tigi kunsidrata t-talba tas-socjeta' attrici ghar-revoka 'contrario imperio' tad-digriet ta' din il-Qorti tal-4 ta' April 2001. Dan billi f'kaz li din it-talba tigi milqugha ma jkunx hemm lok ghall-provedimenti fuq ir-rikors susegwenti biex tinghata l-fakolta li tappella, presentat fl-10 ta' April 2001.

Ir-risposta maghmula mill-konvenuti Buhagiar tippresenta impediment legali ghat-talba kif formulata mis-socjeta' attrici fir-rikors taghha tas-6 ta' April 2001. Infatti qed jigi sottomess minn dawn il-konvenuti li din

it-talba hija irrita u nulla billi mhux kontemplata taht is-subinciz (4) tal-Artikolu 229 tal-Kap 12.

Is-subinciz (4) ta' l-Artikolu 229 tal-Kap 12 jikkontempla l-possibilita li parti aggravata b'digriet tal-Qorti, titlob li l-Qorti terga tikkunsidra mill-gdid id-decizjoni taghha. Din il-fakolta hija moghtija f'kaz ta' dawk id-digriet kontemplati fis-subartikoli (2) u (3) tal-istess artikolu sakemm ma jkunx gie presentat rikors ta' appell kif kontemplat fis-subinciz (3) ta'istess artikolu.

Issa huwa minnu, kif sewwa rrilevaw l-konvenuti Buhagiar, li d-digriet ta' din il-Qorti tal-4 ta' April 2001, meta cahdet l-ammissjoni ta' xhud gdid u fl-istess hin ordnat l-isfilz ta' dokument minnu preparat, ma jaqax fil-kazi kontemplati fis-subinciz (2) ta' Artikolu 229. Il-konvenuti Buhagiar izda qed isostnu ukoll li l-fakolta moghtija skond is-subinciz (4) tal-artikolu imsemmi, li tikkoncerna talba ghar-revoka "contrario imperio" anke ta' kull digriet iehor (kif imsemmi fis-sub inciz ta' qablu) mhux kontemplat fis-sub artikoli (1) u (2) tal-istess artikolu, ma ghandux jigi estiz ghall-digriet bhal dak sottoezami billi fl-ewwel lok is-subinciz (3) johloq biss il-possibilita' ta' appell qabel is-sentenza "ta' kull digriet iehor interlokutorju mhux inkluz fis-subartikoli (1) u (2)"; u fit-tieni lok is-subartikolu (1) para (d) u (f) tal-artikolu 229 jeskludi l-possibilita' ta' kull appell minn digriet li jikkoncernaw l-ammissibilita' ta' xhud jew dokumenti qabel id-decizjoni finali.

Fil-fehma ta' din il-Qorti din l-interpretazzjoni hija wahda restrittiva hafna u tista' twassal ghall-konkluzzjoni kontro producenti billi iggial lil dik il-parti li tkun aggravata b'digriet mhux kontemplat fis-subartikoli (1) u (2) tal-artikolu 229 li titlob li tinghata l-fakolta li tappella. B'hekk jigi rez ineffettiv li skop tal-legislatur li jevita, kemm jista' jkun, appell minn

digrieti interlokutorji li ghandhom l-effett li jwaqqfu l-proceduri quddiem il-Prim Istanza, u fit-tieni lok is-sottomissjoni tal-konvenuti Buhagiar tmur kontra l-principju generali li kull digriet interlokutorju ma jaghmilx stat ghall-Qorti li tkun ippronunzjatu. Ghalhekk jidher li t-talba maghmula mis-socjeta' attrici ghar-revoka 'contrario imperio' kienet wahda ammissibbli.

Dan premess pero' hemm impediment ghall-akkoljiment tat-talba. Infatti is-subinciz (4) li fuqu hija bazata it-talba tas-socjeta' attrici, jikkontempla revoka 'contrario imperio' tal-Qorti li tkun ippronunzjat ruhha, kemm'l darba "ma jkunx gie presentat rikors ta' appell". Fil-kaz in ezami, kif gie rilevat aktar il-fuq, is-socjeta' attrici ppresentat rikors sabiex hi tigi awtorizzata tappella mid-digriet ta' din il-Qorti tal-4 ta' April 2001. Dan ir-rikors, fil-fehma ta' din il-Qorti, jezawtora lill-istess Qorti Prim Awla milli tikkunsidra talbiet ghar-revoka 'contrario imperio' tad-digriet billi bit-talba maghmula sabiex jigi interpost appell tkun l-istess Qorti ta' l-Appell, f'kaz li tali talba tigi milqugha, l-Qorti kompetenti biex tezamina l-ilment tal-parti aggravata. Mhux permess li parti tipprezenta zewg talbiet alternattivi.

Illi dwar it-talba tas-socjeta' attrici presentata fl-10 ta' April 2001 biex tinghata l-fakolta' li tinterponi appell mid-digriet tal-4 ta' April 2001 din il-Qorti hija tal-fehma li din hija gustifikata u ghadnha tigi akkolta billi jkun ahjar u gust li l-kwistjoni tingieb quddiem il-Qorti ta' l-Appell qabel ma tinghata s-sentenza definittiva. Dan jinghad ukoll billi is-subincizi (d) u (f) tas-subartikolu 1 tal-artikolu 229 mhux applikabbli ghal kaz sottoezami.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tichad it-talba tas-socjeta' attrici ghar-revoka 'contrario imperio' tad-digriet ta' din il-Qorti tal-4 ta' April 2001, tilqa' it-talba tal-istess socjeta' kontenuta fir-rikors tal-10 ta' April 2001 u konsegwentement tawtorizza lill-istess socjeta' attrici li tappella mid-digriet fuq imsemmi.

Spejjes riservati ghall-gudizzju finali.

Onor Imhallef Albert J. Magri